FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
MAGISTRAT DR JACQUELINE PADOVANI LL.D. LL.M. (IMLI)
SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 5 TA' GUNJU 2001

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
VS
ALEXANDER CROSS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Alexander Cross ta' 46 sena bin William James u Carmen Gherxi imwieled Tripoli fid-29 ta' Lulju 1954 u joqghod St Michael, Triq In-Nutar M Tabone, Naxxar nru tal-karta tal-identita 480597M talli matul dawn l-ahhar tlett xhur u qabel il-11 ta' Ottubru 2000 f'diversi hinijiet u qabel il-11pm fin-Naxxar, ghamel uzu b'numru ta' identita divers minn dak li jkun gie moghti lilu mill-pulizija jew mill-awtorita dwar it-Trasport pubbliku u cioe bin HCR-055 u dan ai termini tal-artikolu 17, 31, u 51(1) tar-regolamenti tat-traffiku mahruga fin 1994, kif wkoll bi ksur tal-regolamenti dwar il-vettura bil-mutur, AL 128 u tal-artikoli 15(1)b, 3, 18 tal-kap 65 tal-Ligijiet ta' malta.

Talli fl-istess zminijiet, u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu je ghal haddiehor, f'xi dokumenti mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz, billi wahhal set ta' number plates foloz ACR-055 fuq l-imsemmija vettura u cioe BMW b'numru originali HCR-055 u dan ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali ta' Malta kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess zminijiet, u cirkostanzi minghajr awtorita, mill-awtorita kompetenti ghamel falsifikazzjoni ohra, jew xjentement ghamel uzu minn xi dokumenti ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi uza sett ta' number plates foloz (ACR-055)fuq vetura tal-ghamla BMW (HCR-055) u dan ai termini tal-artikolu 189 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2001 fejn l-imputat ammetta ghall-ewwel u t-tielet akkuza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, u wara li rat Art 17, 31, 51(1) tar-regolamenti tat-traffiku mahruga fin-1994, AL 128 1994, Art 15(1)b, 3, u 18 tal-kap 65, Art 189 tal-kap 9 u Art 9 tal-kap 152 tillibera lil-imputat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur u tordna il-konfiska tan-number plates esebiti.

MAGISTRAT

MARICA CARUANA
DEP.REG.